**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI Numru 1449**

**KAZ NRU 1675**

Fil Kwistjoni tax-xoghol

Bejn

Sandra Bonnici

U

DCI Database for Commerce and Industry (Malta) Ltd

Dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta.

**Chairman: Is-Sur Colin Tabone**

24 Novembru 2003

Dan il-Kaz gie riferut mill- Onor Vici Prim-Ministru w Ministru ghall-Politika Socjali permezz t`ittra datata 11 ta` Lulju 2002. rif. MSP/T1/59/2002 li t-Tribunal Industrijali biex jigi processat.

l-appellanta Sandra Bonnici kienet assistita minn Dr. Joseph Zammit waqt li s-socjeta intimata kienet rapprezzentata mis Sur Peter Delia mghejjun min Dr. Joseph Zammit Maempel.

Fid-dikjarazzjoni tal-kaz taghha Sandra Bonnici issottomettiet li kienet impjegata bhala Software Engineer u li fit-terminazzjoni ta` l-impjieg ma kienetx applikata l-principju tal-last in first out. Minn naha tal-Kumpanija, hi qed tiddikjara li t-terminazzjoni ta` l-impjieg taghha kien wiehed fuq bazi ta` redundancy.

Gewipprezentati numru ta`dokumenti w instemghu numru ta`xhieda.

Il-qofol ta` dan il-kaz hu l-interpretazzjoni tal-last in first out. Il-Kumpanija thoss li ghallavolja l-impjegati kellhom titolu ta`Software engineers, it-tip ta` xoghol kien wiehed specjalizzat u ghaldaqstant l-ispecifikazzjoni ghandha tkun il-bazi f`kazijiet bhal dawn.

Minn naha ta` l-appellanta, din il-kwistjoni hija cara ghax la kull min gie mpjegat bhala Software Engineer, allura f`kaz ta`redundancy il-principji tal-last in first out ghandu jigi applikat. F`dan il-kaz il- Kumpanija ma mxietx fuq dawn il-linji.

Il-pozizzjonijiet tax-zewgt nahat huma opposti ghar-rigward l-interpretazzjoni tal-ligi kemm precedenti u dik in vigore fil-prezent.

It-Tribunal irid iqis bir-reqqa dan l-istat ta`fatt. Hawnhekk wiehed irid jezamina u jinterpreta il-principji tal-last in first out u b`dak li kien intiz mill-legizlatur.

Dan il-principju huwa wiehed korrett u validu ghal kull zmien. Wiehed irid jara wkoll il- nomenklatura ta`klassi w kategorija. Jista jkun ukoll li fl-istess klassi ta` kategorija hemm distruzzjoni ta`specalizazzjoni. Din is-sitwazzjoni hija wkoll rejali fil-qasam tax-xoghol.

Wiehed jista jinterpreta l-ligi b`mod wiesgha jew dejjaq. Fejn tidhol specjalizazzjoni, kemm hija soggettivva ?.

Dan it-Tribunal irid jistharreg u jiddeciedi. Fit-trattazzjonijiet u mix-xhieda m`hemmx diskordja fuq il-fatti ta` meta beda l-impjieg, bhala xix l-appellanta kienet impjegata, is-salarju w affarijiet ohra. L-unika divergenza kienet hekk is-socjeta kellix id-dritt tittermina l-impjieg ta` l-appellanta minhabba li kien hemm nuqqas ta`xoghol u x-xoghol assenjat lill-appellanta kien ghadu l-Germanja.

It-Tribunal irid iqis ukoll hekk ir-raguni ta`redundancy kienitx wahda valida jew le w mhux bhala zkuza biex titkecca l-appellanta.

Fil-konkluzjoni t-Tribunal iqis li l-kwistjoni ta`redundancy hija veraci u mix-xhied ma gietx kontestata. Jibqa l-interpretazzjoni tal-last in first out.

Il-kariga ta`l-appellanta bhala Software Engineer titqies bhala wahda generika u li mill-istess kategorija hemm diversi specjalizazzjonijiet specjalment fl- I.T.

It-Tribunal iqis li ghandu jinterpreta l-ligi fuq dan il-bazi.

Decizjoni.

It-Tribunal jiddeciedi li t-tkeccija kienet ghar-raguni ta`redundancy minhabba li kien hemm nuqqas ta`xoghol f`dak is-settur u kemm ghall-ispecjalizazzjoni fil-kategorija ta`Software Engineer.

B`hekk jintemm dan il-kaz.

Ghall-iskop ta`l-avviz legali Nru 48 tal 1988 It-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta min assista l-postijiet fl-ammont ta Lm 40 kull wiehed.

Colin Tabone

Chairman

M. Rose Galea

Ghas/Segretarju